# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 238/2018 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MV**

**vs**

**RVD f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri EVD**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MV , datat 12 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti f'din il-kawza huma legalment separati u miz-zwieg taghhom twieldu zewgt'itfal u cioe' J fid-9 ta' Settembru 2004 u E fis-16 ta' Lulju 2009;*

2. *Illi l-intimata rrendiet ruhha hatja ta' adulterju billi kellha relazzjoni ma' terza persuna li minnha twieldet il-minuri EVD fis-16 ta' Lulju, 2009, skont l-Att tat-Twelid hawn anness u markat bhala 'Dok MV1';*

3. *Illi fl-att tat-twelid tal-minuri EVD, r-rikorrent huwa mnizzel bhala l-missier naturali tal-minuri;*

4. *Illi dan il-kaz kien ukoll suggett ta' proceduri kriminali (Il-Pulizija vs Musab Al Kalbash – Kumpilazzjoni numru: 436/12 – deciza mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit fit-8 ta' Gunju, 2018) minhabba l-fatt illi l-intimata RVD allegat illi kienet giet stupratha minn certu Musab Al Kalbash. Al Kalbash kien gie liberat mill-akkuzai minhabba li r-relazzjoni sesswali ta' bejniethom kienet wahda kunsenswali. Fil-fatt fl-atti tal-proceduri penali msemmija hemm esebit test tal-paternita' li jikkonferma illi r-rikorrenti fil-fatt m'huwiex il-missieri naturali tal-minuri (kopja informali tas-sentenza ezebita u mmarkatha bhala Dok MV 2);*

5. *Illi stante li kien ghadda t-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri ai termini tal-Artikolu 73(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, r-rikorrenti talab permess lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza ai termini tal-istess artikolu msemmi;*

6. *Illi permezz ta' digriet datat il-15 ta' Gunju, 2016, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex tigi pprezentatha l-kawza de quo (ara dokument anness u mmarkat bhala Dok MV 3);*

7. *Illi r-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti il-ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi, prevja l-hatra ta' periti nominandi, illi l-imsemmija minuri EVD ma hijiex wild naturali tar-rikorrenti b'mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri f'dan is-sens;*
2. *Tordna ghalhekk l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri EVD, liema att igib in-numru progressiv 'X' billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tar-rikorrenti MV u l-istess jigu sostitwiti b'dak it-taghrif illi jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tiehu dawk il-provvedimenti ulterjuri li thoss opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenuta RVD."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Regsitru Pubbliku, datata 22 ta' Ottubru 2018, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

*L-Avukat Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma s-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament l-attur irid jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinciment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri EVD, ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha;*

2. *Illi bla pregudizzuju ghas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;*

3. *Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent qed jassumi illi din il-kawza giet intavolata ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-kawza istanti si tratta proprju denegata paternita;*

4. *Illi stante l-premess, l-attur jehtieglu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas wahda mic-cirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70 sub-inciz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici hekk kif inhu provdut fl-Artikolu 70A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Maltta u f'tali cirkostanza, l-esponent stante li ma ghandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza istanti huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji;*

6. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri EVD a tenur tal-*

*Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi subordinatament u dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem MV, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm, ghandhom flimkien mal-konnotati tal-attur jigu kkancellati mil-Atti tat-Twelid tal-minuri EVD;*

8. *Illi finalment, l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat illi RVD hija kontumaci (Vide fol 21);

Rat illi l-intimata dehret mhux assistita, fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2019 (Vide fol 38 et seqq.);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**MV** xehed a fol 40 *et seqq* illi meta EVD kellha circa sena u nofs bdew jiguh dubbji jekk kienet il-wild naturali tieghu, ghaliex l-intimata kienet tghidlu li tkun qieghda x-xoghol meta filfatt dan ma kienx ikun minnu. Ghalhekk beda jisuspetta li kellha relazzjoni adultera. Spjega li kien iddecieda li jaghmel DNA test tat-tifla, u minn dan it-test kien irrizulta li huwa m'huwiex il-missier biologiku taghha. Kompla li wara ftit, kien telaq mid-dar matrimonjali, u m'ghandux kuntatt mal-minuri u ma jezercitax access maghha u lanqas ma jhallas manteniment. Qal illi t-tifla ma tharisx lejh bhala missierha.

**In kontro-ezami** a fol 42 xehed illi t-tifla issejhalu b'ismu 'M', u li l-familjarji tieghu ma jirrikonoxxux lill-istess minuri bhala bintu.

**RVD** xehdet a fol 44 *et seqq* illi ghalkemm E ghadha thobb lir-rikorrenti, ilha taf li mhux missierha naturali minn meta hareg ir-rizultat tat-test tad-DNA. Xehdet illi t-tifla ma tiltaqax mar-rikorrent b'mod regolari, izda sempliciment tkellmu jekk tarah fit-triq.

**In kontro-ezami** a fol 45 xehdet illi hija tahdem u tipprovdi hi wahedha ghall-manteniment ta' E.

**Ikkonsidrat;**

Illi din hija kawza ta' denegata paternita, permezz ta' liema, r-rikorrent qieghed jitlob illi jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' EVD, li twieldet waqt li r-rikorrent u l-intimata RVD kienu ghadhom mizzewgin, u li ghalhekk giet rregistrat, b'applikazzjoni tal-ligi, bhala bint ir-rikorrent.

Il-Kodici Civili, permezz tal-Artikolu 67, johloq presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugu tal-mara li weldet it-tarbija. Illi pero, din il-presunzjoni hija biss *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Diane Lia pro et noe vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku**, moghtija mill- Onor. Imhallef Philip Sciberras fid-9 ta' Dicembru, 2002:

> ***"Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II p 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso;…"***

Sabiex tirnexxi kawza ta' denegata paternita ai termini tal-Artikolu 70 hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

1. Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild;

2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istitwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u

3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istitwita mir-rikorrent kontra RVD, minn ma' min huwa legalment separat, f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri EVD (minn ma' min issepara fil-mori tal-kawza), u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt.

Il-Qorti rat ukoll illi l-minuri twieldet fis-16 ta' Lulju 2009, filwaqt li din il-kawza giet intavolata fit-12 ta' Settembru 2018, u ghalhekk mhux entro t-terminu ta' sitt xhur stipulat mill-ligi. Illi pero jirrizulta illi r-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 15 ta' Gunju 2016, u ghalhekk anke dan ir-rekwizit huwa sodisfatt.

Il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "***Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ –***
>
> **[*omissis*]**
>
> ***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***
>
> ***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.***"

Il-Qorti rat illi mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar, li kienet giet esebita fil-proceduri kriminali kontra Musab Miftah Al-Kalbash, jirrizulta li t-testijiet genetici li saru fuq il-minuri u r-rikorrent juru li r-rikorrent m'huwiex il-missier biologiku tal-minuri E.[1]

Il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrent u tal-intimata RVD jirrizulta illi m'hemmx relazzjoni ta' missier u bint bejn ir-rikorrent u l-minuri E, tant illi l-istess minuri tindirizza lir-rikorrent b'ismu peress illi ilha taf li m'huwiex il-missier naturali taghha minn mindu kellha circa sena u nofs. Rat ukoll illi r-rikorrent ma jezercitax access mal-minuri, u lanqas ma jhallas manteniment ghaliha, u li inoltre lanqas il-familja tieghu ma tirrikonoxxihiex bhala bintu.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti tqis illi galadarba il-minuri ilha taf hajjitha kollha u tghix fir-realita illi r-rikorrenti m'huwiex missierha naturali, u galadarba hija diga iggib ukoll kunjom ommha m'hux ser ikun hemm kambjament drastiku bil-bdil ta' kunjomha, minn "VD" ghal "D".

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri E, u li r-rekwizti kollha necessarja sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti, u ghalhekk tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-minuri huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

1. **Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent MV, m'huwiex il-missier naturali ta' EVD konsegwentement;**

2. **Tiddikjara illi l-minuri E ghandha jkollha kunjom ommha biss, u cioe D, minflok VD, u tordna konsegwentement lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega;**

3. **Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jikkancella minn fuq l-att tat-twelid ta' EVD, liema att ghandu n-numru X, kull referenza ghall-konnotati tar-rikorrent MV, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid**

[1] Fol 37 – 43.

**tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier tar-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher fl-att tat-twelid citat, filwaqt li wara isem MV fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid ta' EVD jitnehhew il-kliem "the said".**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimata RVD.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**